MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 28/2015

**Gerard Ludtke (ID0043165-A) bhala *Chairman* u Annette Scerri (ID25062-M) bhala Segretarja tal-Association of Saint Angelo Mansions Owners (ASAMO)**

**vs**

**Schembri Ryan**

**ID450878-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi l-assocjazzjoni attrici hija l-amministratur ta’ St Angelo Mansions Complex gewwa Vittoriosa; Illi l-konvenut jifforma parti minn dan il-kumpless stante li huwa s-sid ta’ appartament bin-numru 1111 gewwa dan il-kumpless; Illi l-konvenut naqas

milli jhallas is-somma ta' elf, tlett mija u erbghin euro (€1,340.00) dovut minnu lill-assocjazzjoni attrici bhala membru ta' St Angelo Mansions Complex ghall-manutenzjoni tal-partijiet komuni tal-imsemmi kumpless ghas-sena elfejn u erbatax (2014); Illi nonostante l-fatt li l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas il-pagament hekk dovut huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, l-assocjazzjoni attrici qieghda titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-assocjazzjoni attrici fis-somma ta' elf, tlett mija u erbghin euro (€1,340.00);
2. Jikkundanna u jordna lill-konvenut ihallas lill-assocjazzjoni attrici s-somma ta' elf, tlett mija u erbghin euro (€1,340.00) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi

*nomine* s-somma ta' elf, tlett mija u erbghin euro (€1,340.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------